MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 44/2001/1

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**vs**

**Louis Mugliett f'ismu proprju u f'isem l-assenti Maria Borg u Anthony Mugliett lkoll ghan-nofs indiviz, William Fenech, Philip Fenech f'ismu proprju y f'isem l-assenti Elizabeth Portelli u Maria Rosaria Fenech lkoll ghan-nofs indiviz**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid:

"Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 28 t'Aawissu, 2001, fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta li thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art fil-Kalkara, tal-kejl ta' madwar 4130 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjeta ta' Giovanna Briffa u ohrajn, mix-xlokk ma'

proprjeta ta’ Theresa Caruana Gatto u mil-Lbic ma’ proprjeta’ tal-werrieta ta’ Joseph Fenech u ohrajn, huwa ta’ sebgha u sebghin elf, mija u ghaxar liri Maltin (Lm77,110) ghall-intier kif jidher mir-rapport tal-Perit Fred H. Valentino A.&C.E. tas-6 ta’ Lulju, 2001, li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim;

Illi b’ittra ufficjali tas-7 ta’ Settembru 2001, l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li l-kumpens ghandu jkun ta’ tlett mija u hamsin elf lira Maltin (Lm350,000);

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrenti b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fuq imsemmija, kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jagixxi minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-preovvedimenti ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88).”

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dan huwa espropriju ta’ bicca art ta’ kejl ta’ 4130 metri kwadri fil-Kalkara. L-intimati irrifjutaw l-kumpens offert a bazi tal-parir tekniku lilhom moghti mill-perit arkitett taghhom li xehed f’dawn il-proceduri u qal li l-valur tal-art esproprijata huwa ta’ Lm350,000.

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC David Pace u l-Perit AIC Joseph Mizzi wara li hadu konjizzjoni tal-fatti

kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Huma ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta), u partikolarment l-Artikolu 27, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi il-proprjeta' in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta' fabbrikabbli in kwantu ghal porzjon tal-kejl ta' 875 metri kwadri waqt illi r-rimarrenti porzjon fil-kejl ta' 3255 metri kwadri ghandu stmat bhala art agrikola u li l-valur tal-istess proprjeta' kif deskritta fid-dokumenti esibiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont **ta' Lm183,000 ossia Euro 426,275.33.**

Stante d-decizzjoni unanima tal-membri teknici, l-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati sabiex jitrasferixxu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut , l-bicca art fil-Kalkara, tal-kejl ta' madwar 4130 metri kwadri, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjeta ta' Giovanna Briffa u ohrajn, mix-xlokk ma' proprjeta ta' Theresa Caruana Gatto u mil-Lbic ma' proprjeta' tal-werrieta ta' Joseph Fenech u ohrajn, in parti fabrikabbli u in parti agrikola kif deskritta f'din is-sentenza u dan bil-kumpens ta' erba mija sitta u ghoxrin elf, mitejn hamsa u sebghin euro u tlieta u tletin centezmu ghas-sehem intier oltre l-imghax legali. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fl-1 t'Dicembru 2010 fis-2.30 pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Marco Ciliberti LL.D. biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u

dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------